MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 780/2006

GasanMamo Insurance Limited (C-3143)

vs

Fortress Insurance Agency Limited (C-11892) u Middlesea Insurance plc (C-5553) ghal kull interess illi jista' jkollha

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Awissu 2006 fejn intalab sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm435.20c illum ekwivalenti ghal Euro1,013.74c rapprezentanti valur ta' zewg claims ta' danni per konsegwenza ta' incidenti tat-traffiku danni subiti f'incident stradali liema claims igibu n-numri MSI/557/02 u MSI/481/02 u fir-rigward ta' liema zewg claims is-socjeta konvenuta Middlesea kienet obbligat ruhha li tonora

permezz ta’ email datata 17 ta’ Dicembru 2003 (Dok. GMI.24).

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra ufficcjali datata 2 ta’ Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc datata 22 ta’ Settembru 2006 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi qed tallega li dawn iz-zewg claims kienu gew imhallsa mis-socjeta konvenuta Fortress ghan-nom tas-socjeta eccippjenta. Illi inoltre hija nnegat li rrikonoxxiet xi kreditu favur is-socjeta attrici jew assumiet xi obbligi tal-agent taghha s-socjeta konvenuta Fortress fil-konfront tal-imsemmija zewg *claims*. Illi fi kwalunkwe kaz jekk jirrizulta li l-istess claims ghahdom ma thallsux dan in-nuqqas sehh minnhabba agir frawdolenti da parti tas-socjeta konvenuta Fortress u ghalhekk is-socjeta Middlesea xorta wahda ma tkunx obbligata li thallas a tenur tal-principju fraud omnia coumpit. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Fortress Agency Limited datata 20 ta’ Novembru 2006 fejn hija wkoll ikkontestat it-talba attrici b’diversi eccezzjonijiet kif elenkati hawn taht:-

(1) Isem is-socjeta konvenuta llum jaqra Fortress Agency Limited (Fortress);

(2) Illi b’effett minn 180 gurnata wara d-data tal-ittra Dok. FIA 1, is-socjeta Fortress ma kinietx ghadha agenta tas-socjeta Middlesea;

(3) Illi s-socjeta eccipjenta per konsegwenza ta’ tali terminazzjoni ma tista tagixxi b’ebda mod fuq claims pendenti;

(4) Illi per konsegwenza ta’ hekk is-socjeta eccipjenta la halset u anqas ma gabret fuq claims pendenti nkluz iz-zewg claims meritu ta’ dina l-kawza;

(5) Illi dak kollu li kellha f'idejha s-socjeta eccipjenta gie kollu refuz lura lis-socjeta Middlesea u dana skond ittra datata 10 ta' Ottubru 2003 annessa u markata Dok. FIA 2;

(6) Illi fost l-imsemmija reversals kien hemm il-flus intenzjonati lis-socjeta attrici;

(7) Illi in vista tal-premess ghalhekk il-flus mitluba mis-socjeta attrici ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta Middlesea; u

(8) kwindi s-socjeta eccippjenta filwaqt li ma ghandhiex tigi kkundannata ghal tali hlas irriservat favur taghha kwalunkwe dritt jew rimedju kontra s-socjeta Middlesea fejn din ta' l-ahhar mhux talli baqghet ma halsitx terzi persuni nonostante li kienet tigi mfakkra dwar dan izda sahansitra allegat frodi fil-konfront tas-socjeta eccippjenta;

(9) Bl-ispejjes.

Illi fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2007, is-socjeta konvenuta Fortress irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta konvenuta Middlesea qed tallega l-hlas fl-ewwel eccezzjoni taghha. Ghalkemm tali prova tinkombi fuqha, rrizulta bl-aktar mod ampju f'dan il-process illi evidentement is-socjeta attrici tassew baqghet ma thalsitx ghal dawn iz-zewg claims in kwistjoni. Anzi l-istess socjeta konvenuta tafferma fl-eccezzjonijiet taghha li kien minnu li dawn il-claims baqghu ma thalsux lis-socjeta attrici u dana peress illi l-fondi li kienu ntenzjonati sabiex jissoddisfaw tali pendenzi kienu nghataw lura lis-socjeta Middlesea meta din ta' l-ahhar kienet itterminat il-ftehim ta' agenzija li kellha mas-socjeta Fortress.

Fl-email mibghuta mis-socjeta konvenuta Middlesea datata 17 ta' Dicembru 2003 hemm indikat li z-zewg claims in kwistjoni ma kienux ghadhom gew onorati mhux il-ghaliex kienu gia gew imhallsa ghas-saldu izda il-ghaliex il-files relattivi ma setghux jinstabu. Difatti s-socjeta Middlesea inkarikat ruhha li hekk kif tircievi d-dokumenti relattivi kienet sejra tipprocessa l-pagamenti relattivi.

Illi jinghad inoltre li ftit wara li s-socjeta Fortress irceviet l-avviz ta' terminazzjoni tal-agenzija taghha, hija kienet fil-pront innotifikat lis-socjeta Middlesea permezz ta' ittra datata 10 ta' Ottubru 2003 b'zewg listi cioe lista A kontenenti pagamenti dovuta lil terzi li ma kienux gew konkluzi peress illi l-istess terzi kellhom jaghtu lill-istess MIddlesea u issa l-istess fondi gew irriversjati lura lill-istess Middlesea in vista tat-terminazzjoni tal-kuntratt u Lista B kontenenti flus dovuta minn terzi lil Fortress li pero kienu ghadhom ma thallsux effettivament. Ta' min ighid li iz-zewg claims meritu ta' dina l-kawza huma fil-fatt indikati f'lista A (a fol. 41) u cioe allura dan ifisser li l-fondi in kwistjoni li kienu ntenzjonati li jithallsu lis-socjeta attrici gew mghoddija lura lis-socjeta Middlesea.

Max Borg Bonello ghas-socjeta attrici xehed illi l-claims in kwistjoni kienu jikkoncernaw zewg incidenti fejn il-klijenti ta' Gasan thallsu ghas-saldu mill-istess socjeta attrici peress illi kienu assikurati *fully comprehensive* filwaqt li l-persuni l-ohra nvoluti kienu assikurati mas-socjeta konvenuta Fortress. Din is-socjeta ta' l-ahhar ammettiet responsabbilita kif tindika l-ittra li tinsab a fol. 9 tal-process u f'kaz minnhom fil-fatt anke bdiet thallas il-kontijiet tad-danni. F'xi zmien meta s-socjeta Fortress waqfet topera bhala agent tal-Middlesea, is-socjeta attrici bdiet tikkomunika mal-istess Middlesea. Ghall-ewwel din affermat li ma kellhiex records tal-incidenti u in segwitu meta rcevew id-dokumenti relattivi mis-socjeta Fortress allegaw li kienu gia hallsu ghal dawn iz-zewg claims lil Fortress u kwindi ma kinietx behsieba terga thallas;

Illi ma hemmx dubbju u huwa fatt kwazi pacifiku li s-socjeta attrici baqghet ma thalsitx ghal zewg claims meritu tal-kawza u l-kwistjoni kollha odjerna hi fejn baqghu u

ghand min qeghdhin il-fondi li kienu ntenzjonati biex jissodisfaw dawn il-claims – ghand is-socjeta Fortress jew ghand is-socjeta Middlesea.

Is-socjeta Middlesea tafferma, tramite Patrick Muscat u l-bordereaux li kienu rcevew minghand is-socjeta Fortress, illi dawn iz-zewg claims kienu gew indikati bhala settled u cioe mhallsa. Fil-fatt meta is-socjeta Fortress ghaddiet il-files kollha lura lis-socjeta Middlesea, dawn iz-zewg claims ma kienux jidhru bhala outstanding. Mill-banda l-ohra s-socjeta Fortress tafferma illi ghalkemm f'xi zmien ghal dawn iz-zewg claims kien inhareg il-pagament relattiv ghalihom pero dan baqa ma mmaterjalizzax peress illi sakemm kienu qed jistennew li ssir tpacija bejn kreditu ta' socjeta ma ohra, s-socjeta Fortress lahqet spiccat minn agenzija tal-Middlesea u kwindi l-fondi mahsuba u ntenzjonati ghall-istess zewg claims baqghu ma ntuzawx u kwindi l-istess fondi baqghu fil-pussess tas-socjeta Middlesea. In kontro-ezami Patrick Muscat jikkonferma li dwar iz-zewg claims in kwistjoni is-socjeta Fortress kienet ammettiet responsabbilita ghan-nom tas-socjeta Middlesea. Aktar il-quddiem meta rega gie riprodott dan ix-xhud jikkonferma wkoll dwar iz-zewg claims li "c-cekk taghhom ma kienx gie released lil Gasan Mamo".

Fil-fatt Joseph Pace ghas-socjeta Fortress ukoll jammetti li l-kumpanija tieghu kellha thallas lill-Gasan l-ammont meritu ta' dina l-kawza pero dejjem f'isem il-principal taghha Middlesea. Fl-istess zmien pero jispjega li Fortress ukoll kellha tigbor minghand Gasan soma ohra superjuri wkoll f'isem il-Middlesea u dana kif jirrizulta mill-listi A u B msemmija aktar il-fuq (a fol. 40 sa a fol. 45 tal-process). Jispjega li kienu fil-process li jikkonkludu din it-tpacija li Fortress twaqqfet mill-operat taghha bhala agent tal-Middlesea u kwindi baqa ma gie xejn konkluz u kollox inkluz il-pagamenti tgregghu lura sabiex il-Middlesea terga tinnegozja mill-gdid mat-third parties u difatti kellu jinhareg bordereaux iehor datat Ottubru 2003 li rriversja l-bordereaux ta' Gunju/Lulju 2003. L-istess Joseph Pace jikkonferma li ghalkemm dawn iz-zewg claims kienu gew indikati bhala settled fil-Bordereaux ta' Gunju/Lulju 2003 dawn effettivament ma kienux gew imhallsa peress l-

intenzjoni kienet li tali ammont jigi paccju ma ammonti ohra li Gasan kellhom ihallsuhom. Fil-fatt ikompli jispjega li t-tpacija fil-prattika ssir permezz ta' skambju ta' cekkijiet u f'kaz li s-socjeta assikuratrici l-ohra ma tkunx qed taqbel ma kemm ghandha thallas, ic-cekkijiet indirizzati lilha jigu ritornati. Fil-kaz in ezami certament ic-cekkijiet li nhargu favur Gasan fuq dawn iz-zewg claims fil-fatt ma ghaddewx fisikament lil Gasan u wisq anqas ssarrfu mill-istess socjeta attrici.

Il-prassi li kien hemm li ssir forma ta' tpacija bejn socjeta assikuratrici u  ohra giet konfermata wkoll minn Joseph Cassar li jafferma l-istess haga u cioe li l-pagament ma jigix mghoddi fisikament sakemm ma jiftiehmux fuq l-ammonti rispettivi ta' tpacija. Jiftakar li ghal kaz in ezami, ghalkemm inhargu z-zewg cekks lil Gasan, dawn baqghu mizmuma minn Fortress peress illi Gasan kellu jhallas lura ammonti ohra fuq claims ohra. Meta jinzammu c-cekkijiet pagabbli lill-insurances, dan ifisser li l-claim tkun maghluqa – li l-pagament gie awtorizzat – pero mhux effettivament imhallas (minhabba l-eventwali tpacija); Jispjega wkoll li meta l-Middlesea kienet itterminatilhom l-agenzija, kien hemm direttiva minghand l-MFSA sabiex la jsiru pagamenti u anqas ma jircievu hlasijiet. Illi kien ghalhekk li nhareg speci ta mini bordereaux bis-sahha ta' liema s-socjeta Middlesea giet informata bil-kredituri u debituri kollha li kien fadlilha Fortress. Dan ix-xhud ikompli jelabora billi ighid li Fortress kien fadlilha thallas lil terzi s-somma ta' Lm4,815.77c inkluz iz-zewg claims in kwistjoni (a fol. 41). Dan huwa l-istess ammont indikat a fol 65 tal-process li jinsab imnizzel bhala "reversed third party insurers' recovery payments". Difatti dan l-istess ammont gie mnaqqas mis-somma ta' commission li Fortress kellha tiehu minghand il-Middlesea.

Fi kwalunkwe kaz jigi osservat ukoll li s-socjeta Fortress dejjem kienet qed tagixxi ghan-nom tal-principal taghha Middlesea inkluz fuq iz-zewg claims in kwistjoni. Illi huwa pacifiku li din ir-relazzjoni ta' principal u agenzija kienet giet itterminata u huwa fatt pacifiku wkoll li GasanMamo baqa ma thallasx. Illi ghalhekk anke fuq bazi ta' ragjonament purament legali jekk mhux logiku wkoll

isegwi li kwalunkwe pretenzjoni li s-socjeta seta kellha fir-rigward ta’ dawn iz-zewg claims, din kellha tindirizzhom lis-socjeta principali u cioe lil Middlesea u jekk din ta’ l-ahhar jirrizultalha xi nuqqas fl-agir ta’ l-agent taghha, tkun in segwitu intitolata li ddur kontra tieghu. Fil-fatt is-socjeta attrici tikkonferma li l-ittra ufficcjali taggha giet indirizzata biss lil Middlesea u anke l-laqgha li kellha fuq din il-kwistjoni saret biss ma rapprezentanti ta’ Middlesea.

Illi gie spjegat ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi ghalkemm fl-ewwel istanza kien gie awtorizzat il-pagament rikjest lil Gasan, ghalkemm ic-cekkijiet relattivi nhargu u ghalkemm iz-zewg claims jidhru bhala settled fil-bordereaux ta’ Gunju u Lulju 2003, dawn effettivament pero ma gewx imhallsa – ic-cekkijiet ma gewx mghoddija lil Gasan u wisq anqas msarrfa minnhom. Ghalhekk isegwi l-argument li meta giet terminat r-relazzjoni ta’ bejn Fortress u Middlesea dawn iz-zewg ammonti gew irriversjati lura favur il-principal cioe Middlesea u dana kif dal resto jirrizulta minn diversi dokumenti esebiti fosthom dak indikat a fol 65 tal-process. Mill-banda l-ohra jinghad ukoll li anqas ma tresqet xi forma ta’ prova li dawn iz-zewg ammonti gew inkassati minn Fortress.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzonijiet numri hamsa sa tmienja t-tnejn inkluzi sollevati mis-socjeta konvenuta Fortress u kwindi jiddikjara li l-istess socjeta konvenuta ma ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghal hlas mitlub mis-socjeta attrici u fit-tieni lok tirrespingi l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta konvenuta l-ohra MIddlesea Insurance plc, kwindi jiddikjara li din is-socjeta ta’ l-ahhar ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghal hlas mitlub u ghalhekk jilqa t-talba attrici fis-sens illi jikkundanna lis-socjeta konvenuta Middleasea Insurance plc sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba fl-ammont ta’ Euro1,013.74c (elf u tlettax il-ewro u erba’ u sebghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta’ Frar 2006 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------